# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 678/2010

## tat-28 ta' Lulju 2010

## li jemenda r-Regolament (UE) Nru 626/2010 li jiffissa d-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali mis-16 ta' Lulju 2010

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 642/2010 tal-20 ta' Lulju 2010 dwar regoli ta' applikazzjoni (dazju ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali) għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Billi:

(1) Id-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali li huma applikabbli mis-16 ta' Lulju 2010 ġew iffissati bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 626/2010 ([3]).

(2) Ġaladarba l-medja kkalkulata tad-dazji tal-importazzjoni varjat b'EUR 5/t mid-dazju ffissat, jeħtieġ li jsir aġġustament korrispondenti tad-dazji tal-importazzjoni ffissati bir-Regolament (UE) Nru 626/2010.

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 626/2010 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi I u II għar-Regolament (UE) Nru 626/2010 huma mibdula bit-test li jidher fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Għandu japplika fid-29 ta' Lulju 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 187, 21.7.2010, p. 5.
([3]) ĠU L 182, 16.7.2010, p. 9.

*ANNESS I*

**Dazji tal-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 applikabbli mid-29 ta' Lulju 2010**

| Kodiċi NK | Isem tal-merkanziji | Dazju tal-importazzjoni ([1]) (EUR/t) |
|---|---|---|
| 1001 10 00 | QAMĦ iebes ta' kwalità għolja | 0,00 |
| | ta' kwalità medja | 0,00 |
| | ta' kwalità baxxa | 0,00 |
| 1001 90 91 | QAMĦ għaż-żrigħ | 0,00 |
| ex 1001 90 99 | QAMĦ komuni ta' kwalità għolja, minbarra dak li hu taż-żrigħ | 0,00 |
| 1002 00 00 | SEGALA | 31,78 |
| 1005 10 90 | QAMĦIRRUM għaż-żrigħ minbarra dak ibridu | 8,66 |
| 1005 90 00 | QAMĦIRRUM minbarra dak taż-żrigħ ([2]) | 8,66 |
| 1007 00 90 | SORGU f'żerriegħa minbarra dik ibrida taż-żrigħ | 31,78 |

([1]) Għall-prodotti li jaslu fl-Unjoni mill-Oċean Atlantiku jew mill-Kanal ta' Suez (l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010) l-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis ta' dazju ta':

— EUR 3 kull tunnellata, jekk il-port tal-ħatt jinsab fil-Baħar Mediterran jew fil-Baħar l-Iswed,

— EUR 2 kull tunnellata, jekk il-port fejn isir il-ħatt jinsab fl-Irlanda, fir-Renju Unit, fid-Danimarka, fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fil-Finlandja, fl-Iżvezja jew fuq il-kosta Atlantika tal-Peniżola Iberika.

([2]) L-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fiss ta' EUR 24 kull tunnellata jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 642/2010 huma sodisfatti.

*ANNESS II*

**Fatturi għall-kalkolu tad-dazji fl-Anness I**

15.7.2010-27.7.2010

(1) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010:

*(EUR/t)*

| | Qamħ [1] | Qamħirrum | Qamħ iebes kwalità għolja | Qamħ iebes, kwalità medja [2] | Qamħ iebes kwalità baxxa [3] | Xgħir |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Borża | Minnéapolis | Chicago | — | — | — | — |
| Kwotazzjoni | 176,76 | 115,21 | — | — | — | — |
| Prezz *FOB* USA | — | — | 139,42 | 129,42 | 109,42 | 72,45 |
| Tariffa fuq il-Golf | — | 12,67 | — | — | — | — |
| Tariffa fuq l-Għadajjar il-Kbar | 22,79 | — | — | — | — | — |

[1] Tariffa pożittiva ta' EUR 14/t inkorporata [l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010].
[2] Tariffa negattiva ta' EUR 10/t [l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010].
[3] Tariffa negattiva ta' EUR 30/t [l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010].

(2) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010:

| | |
|---|---|
| Merkanzija/Spejjeż Il-Golf tal-Messiku–Rotterdam | 20,50 EUR/t |
| Merkanzija/Spejjeż L-Għadajjar il-Kbar–Rotterdam: | 50,14 EUR/t |